

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 354

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56
4 ta' Diċembru 2013

<u>Avviż Nru</u>	Werrej	Paġna
I <i>Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet</i>		
RAKKOMANDAZZJONIJIET		
Il-Kunsill		
2013/C 354/01	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa	1
II <i>Komunikazzjonijiet</i>		
KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA		
Il-Kummissjoni Ewropea		
2013/C 354/02	Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	6
2013/C 354/03	Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	8
2013/C 354/04	Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	9

MT

Prezz:
EUR 3

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2013/C 354/05	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.7051 – Goldman Sachs/Hastings Insurance Group) ⁽¹⁾	10
2013/C 354/06	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.7076 – Apax Partners/Rhiag) ⁽¹⁾ ...	10

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 354/07	Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rfinanzjament: 0,25 % fl-1 ta' Diċembru 2013 – Rata tal-kambju tal-euro	11
---------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	----

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2013/C 354/08	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità – Obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bi skeda	12
2013/C 354/09	Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (<i>Avviż relatat mal-applikazzjonijiet għal permessi esklussivi għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de la Seille" u "Permis de l'Albe"</i>) ⁽¹⁾	13
2013/C 354/10	Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd	15



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Novembru 2013

dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa

(2013/C 354/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikoli 165 u 168 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-benefiċċji tal-attività fiżika, inklużi attività sportiva regolari l-eżerċizzju, matul-il-ħajja kollha huma importanti ħafna u jinkludu tnaqqis fir-riskju ta' mard kardjovaskulari, ta' xi tipi ta' kanċer u tad-dijabete, titjib fis-saħħa muskuloskeletalni u l-kontroll tal-piż tal-ġisem, kif ukoll effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tas-saħħa mentali u l-proċessi konoxxittivi. L-attività fiżika, kif irrakkomandata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (id-WHO), hija importanti għall-gruppi kollha t'età, u għandha rilevanza partikolari għat-tfal, il-popolazzjoni li taħdem u l-anzjani.
- (2) Peress li l-attività fiżika hija prerekwiżit għal stil ta' ħajja b'saħħitha u forza tax-xogħol b'saħħitha, tikkontribwixxi għall-kisba ta' objettivi ewlenin definiti fl-istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkabbir, il-produttività u s-saħħa.
- (3) Filwaqt li matul l-aħħar snin żdiedu l-isforzi fil-promozzjoni tal-attività fiżika favur is-saħħa (HEPA) mill-awtoritajiet pubbliċi fxi Stati Membri, ir-rati tan-nuqqas ta' attività fiżika fl-Unjoni jibqgħu ferm inaċċettabbli. Il-maġġoranza ta' Ċittadini Ewropej ma jinvolvu ruħhom f'attività fiżika suffiċjenti b'60 % qatt jew rarament jaġhmlu xi sport jew eżerċizzju. Hemm it-tendenza li n-nuqqas ta' attività fiżika matul il-ħin liberu tkun aktar

komuni fi gruppi soċjoekonomiċi baxxi. Attwalment ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawk ix-xejriet negattivi qed immorru fid-direzzjoni opposta għall-Unjoni fl-intier tagħha.

- (4) L-inattività fiżika ġiet identifikata bħala fattur ta' riskju prinċipali għall-mortalità prematura u mard fil-pajjiżi bi dħul għoli madwar id-dinja, li jammontaw għal madwar 1 miljun mewt fir-reġjun Ewropew tal-WHO biss. Id-detrimenti kkawżati min-nuqqas ta' attività fiżika fl-Unjoni huma rreġistrati sew, kif huma wkoll l-ispejjeż ekonomiċi sinifikanti diretti u indiretti assoċjati man-nuqqas ta' attività fiżika u problemi tas-saħħa relatati, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-parti l-kbira tas-soċjetajiet Ewropej qed jixxjeh u b'mod rapidu.
- (5) Riċerka reċenti tindika li mgħiba sedentarja tista' tkun fattur ta' riskju għall-eżiti ta' saħħa, indipendentement mill-influenza tal-attività fiżika. Fl-Unjoni, għandu jittieħed kont ta' dawn is-sejbiet meta jiġu kkunsidrati aktar azzjonijiet f'dan il-qasam.
- (6) Rigward il-livelli ta' attività fiżika, hemm diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri. Filwaqt li xi wħud għamlu progress konsiderevoli b'żieda fil-proporzjoni ta' ċittadini li jilhqqu l-ammont minimu rakkomandat ta' attività fiżika, ħafna oħrajn ma għamlu xejn jew saħansitra marru lura. Il-linji ta' politika attwali s'issa ma kellhomx impatt deċiżiv fit-tnaqqis tal-livelli ta' inattività fiżika għall-Unjoni fl-intier tagħha. Hemm potenzjal konsiderevoli fit-tagħlim minn approċċi li rnexxew biex jiġu żviluppatti u implimentati l-linji ta' politika tal-HEPA.
- (7) L-educazzjoni fiżika fl-iskola għandha potenzjal li tkun għodda effettiva biex iżżid is-sensibilizzazzjoni tal-importanza tal-HEPA, u l-iskejjeż jistgħu jkunu mira faċli u effettiva biex jiġu implimentati attivitajiet f'dan ir-rigward.

- (8) Għadd ta' oqsma ta' politika, b'mod partikolari l-isport u s-saħħa, jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-attività fiżika u jistgħu joffru opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex isiru fiżikament attivi. Sabiex jiġi sfruttat dan il-potenzjal, u għalhekk sabiex jiżiedu l-livelli ta' attività fiżika, huwa indispensabbli approċċ transettorjali strateġiku fil-qasam tal-promozzjoni tal-HEPA, li jinkludi involviment fil-livelli kollha tal-Ministeri, korpi u organizzazzjonijiet rilevanti kollha, b'mod partikolari il-moviment tal-isport, u b'kont meħud tal-ħidma ta' politika eżistenti u kurrenti. Id-disponibilità ta' aktar informazzjoni u data aħjar dwar il-livelli ta' attività fiżika u l-linji ta' politika ta' promozzjoni tal-HEPA, hija element essenzjali biex dan il-proċess ikun sostnut u hija rekwiżit għall-evalwazzjoni tal-politika li għandha l-għan li twassal għal aktar żvilupp u implimentazzjoni effettivi fil-futur tal-politika.
- (9) Il-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika (EU PA GL) ⁽¹⁾, kif imsemmija mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tagħhom tas-27 ta' Novembru 2012 ⁽²⁾ dwar il-promozzjoni tal-HEPA, u mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu intitolati "Tixjiħ B'saħtu Matul iċ-Ċiklu tal-Ħajja" ⁽³⁾, jipromwovu approċċ transettorjali li jkopri l-oqsma tematiċi kollha responsabbli għall-promozzjoni tal-HEPA.
- (10) Il-Komunikazzjoni tal-2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni intitolata "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" stiednet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu l-progress, abbażi tal-EU PA GL, lejn l-istabbiliment ta' linji gwida nazzjonali, inkluż proċess ta' revizzjoni u koordinament, u jikkunsidraw Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'dan il-qasam.
- (11) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport għall-2011-2014 dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2011-2014 ⁽⁴⁾ irrikonnoxxiet il-bżonn li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-isport fi ftit oqsma ta' prijorità, inkluża l-promozzjoni tal-HEPA. FLulju 2012, il-Grupp ta' Esperti "Sport, Saħħa u Parteċipazzjoni", stabbilit f'nofs l-2011 fil-kuntest tal-Pjan ta' Ħidma, esprima appoġġ għal inizjattiva ġdida tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-HEPA.
- (12) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2012 dwar il-promozzjoni tal-HEMA rrikonnoxxew il-hteġa għal aktar azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea u sejjaħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, inkluż qafas ta' monitoraġġ haġf ibbażat fuq sett ta' indikaturi li jkopru l-oqsma tematiċi tal-EU PA GL.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-istati membri:

- (1) Jaħdmu lejn linji ta' politika effettivi tal-HEPA billi jiżviluppaw approċċ transettorjali li jinvolvi oqsma ta' politika li jinkludu l-isport, is-saħħa, l-educazzjoni, l-ambjent u t-trasport, b'kont meħud tal-EU PA GL, kif ukoll setturi rilevanti oħrajn u skont l-ispeċifitajiet nazzjonali. Dan għandu jinkludi:
- (a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni progressivi ta' strateġiji nazzjonali u linji ta' politika transettorjali bil-għan tal-promozzjoni tal-HEPA f'konformità mal-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali;
- (b) l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti għat-tweġiq ta' daww l-istrateġiji jew linji ta' politika, fi pjan ta' azzjoni fejn hu kkunsidrat adatt.
- (2) Jissorveljaw il-livelli ta' attività fiżika u l-linji ta' politika tal-HEPA permezz tal-użu ta' qafas ⁽⁵⁾ ta' monitoraġġ haġf u ta' indikaturi stabbiliti fl-Anness skont iċ-ċirkustanzi nazzjonali;
- (3) Fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jinħatru punti fokali nazzjonali dwar l-HEPA ⁽⁶⁾, f'konformità mal-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali, sabiex jappoġġaw il-qafas ta' monitoraġġ imsemmi hawn fuq, u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ħatra tagħhom.

Il-punti fokali nazzjonali tal-HEPA, b'mod partikolari, ser ikollom il-kompitu li jikkordinaw il-proċess li jagħmlu d-data dwar l-attività fiżika disponibbli għall-qafas ta' monitoraġġ; dik id-data għandha tiddaħħal fid-database eżistenti Ewropea tad-WHO dwar in-nutrizzjoni, l-obeżità u l-attività fiżika (NOPA); huma għandhom jiffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni interdepartimentali dwar il-linji ta' politika tal-HEPA;

- (4) Jikkooperaw mill-qrib bejniethom u mal-Kummissjoni billi jagħmlu parti minn proċess ta' skambju regolari ta' informazzjoni u l-aħjar prassi dwar il-promozzjoni tal-HEPA fl-istrutturi rilevanti fil-livell tal-Unjoni għall-isport u s-saħħa bħala bażi għal koordinazzjoni msaħħa tal-politika.

⁽¹⁾ Il-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika, milqugħa fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Laqqha informali tal-Ministri tal-UE, responsabbli għall-isport, f'Novembru 2008.

⁽²⁾ ĠU C 393, 19.12.2012, p. 22.

⁽³⁾ ĠU C 396, 21.12.2012, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU C 162, 1.6.2011, p. 1.

⁽⁵⁾ Il-qafas ta' monitoraġġ ser jistabbilixxi sett minimu ta' rekwiżiti ta' rapportar dwar l-aspetti ġenerali tal-promozzjoni tal-HEPA li jistgħu jiġu indirizzati mill-Istati Membri kollha. Dan ser jiġi implimentat b'sinerġija u kooperazzjoni mill-qrib mad-WHO, b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ġbir tad-data.

⁽⁶⁾ Il-punt fokali ser ikun il-persuna ta' kuntatt prinċipali fl-Istat Membru biex tipprowdi informazzjoni u data li tikkorrispondi għat-tabella ta' indikaturi fl-Anness, ser tiffurma parti mill-kwestjonarju li għandu jiġi indirizzat lill-punti fokali mid-WHO.

B'DAN JISTIEDEN lill-Kummissjoni sabiex:

- (1) Tassisti lill-Istati Membri biex jadottaw strateġiji nazzjonali, jiżviluppaw approċċi ta' politika transettorjali dwar l-HEPA u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti, billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u prassi tajba, tagħlim effettiv bejn il-pari, netwerking u l-identifikazzjoni ta' approċċi li rnexxew fil-promozzjoni tal-HEPA;
 - (2) Tippromwovi l-istabbiliment u l-funzjonament tal-qafas ta' monitoraġġ tal-HEPA, f'konformità mal-indikaturi elenekati fl-Anness, abbażi ta' forum eżistenti ta' monitoraġġ u għbir tad-data f'dan il-qasam, u bl-użu sa fejn hu l-aktar possibbli tal-informazzjoni u d-data eżistenti, billi:
 - (a) tipprovdi, bl-għajjnuna ta' esperti xjentifiċi, appoġġ immirat għall-bini u t-taħriġ ta' kapaċità lil punti fokali nazzjonali tal-HEPA, inkluż bil-ħsieb tal-proċess ta' għbir tad-data, u, kif adatt, lil rappreżentanti oħra minn awtoritajiet pubbliċi rilevanti;
 - (b) teżamina l-possibbiltà, li d-data miġbura tintuża fil-kuntest tal-qafas ta' monitoraġġ sabiex potenzjalment tiġi prodotta statistika Ewropea dwar il-livell ta' attività fiżika kull tliet snin;
 - (c) tappoġġa lid-WHO biex tkompli tiżviluppa l-aspetti tad-database tan-NOPA billi tadattah mal-qafas ta' monitoraġġ stabbilit fl-Anness;
 - (d) tappoġġa u tikkoopera mill-qrib mad-WHO fil-preparazzjoni u l-ħruġ ta' rapporti speċifiċi għall-pajjiż dwar l-HEPA u ta' analiżi tax-xejriet tal-HEPA;
- (3) Tirrapporta kull tliet snin dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-arranġamenti ta' rappurtar li jidhru fil-qafas ta' monitoraġġ u ta' informazzjoni rilevanti oħra dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-HEPA pprovduta mill-Istati Membri u tevalwa l-valur miżjud ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

D. A. BARAKAUSKAS

ANNEX

Indikaturi proposti biex jiġu evalwati l-livelli tal-HEPA u l-linji ta' politika tal-HEPA fl-UE, b'kont meħud tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika (EU PA GL) ⁽¹⁾

Oqsma tematiċi tal-EU PA GL	Indikaturi proposti u varjabbli/unitajiet	Disponibbiltà tad-data
Rakkomandazzjonijiet u linji gwida internazzjonali dwar l-Attività Fiżika (EU PA GL 1-2)	1. Ir-Rakkomandazzjoni nazzjonali dwar l-attività fiżika favur is-saħħa Iva/le	(****)
	2. Adulti li jilħqu l-minimu tar-rakkomandazzjoni tad-WHO dwar l-attività fiżika favur is-saħħa Persentaġġ ta' adulti li jilħqu minimu ta' 150 minuta ta' attività fiżika b'intensità moderata kull ġimgħa, jew 75 minuta ta' attività b'intensità għolja, jew kombinazzjoni ekwivalenti	(****)
	3. Tfal u adolexxenti li jilħqu l-minimu tar-rakkomandazzjoni tad-WHO dwar l-attività fiżika favur is-saħħa jew rakkomandazzjonijiet nazzjonali ekwivalenti Persentaġġ ta' tfal u adolexxenti li jilħqu tal-anqas 60 minuta ta' attività fiżika minn rata moderata għal intensità għolja kuljum jew tal-anqas 5 ijiem/ġimgħa	(****)
Approċċ transettorjali (EU PA GL 3-5)	4. Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni nazzjonali dwar il-promozzjoni tal-HEPA Iva/le; jekk iva, aktar dettalji	(****)
	5. Finanzjament allokat speċifikament għall-promozzjoni tal-HEPA Skont is-settur (saħħa, sport, trasport eċċ.): — finanzjament totali; — per capita; — permezz tal-prodott domestiku gross ta' PPP per capita, f'Ewro	(*)
"Sport" (EU PA GL 6-13)	6. Politika nazzjonali u/jew pjan ta' azzjoni ta' sports għal kulħadd Iva/le; jekk iva, aktar dettalji	(****)
	7. Klabbs ta' sports għas-saħħa (Programm ta' Klabbs tal-Isport għas-Saħħa) Implimentazzjoni tal-linji gwida żviluppati mill-proġett HEPA Europe/TA-FISA: iva/le; jekk iva, deskrizzjoni	(**)
	8. Qafas għall-appoġġ ta' opportunitajiet biex jiżdied l-aċċess għall-faċilitajiet rikreattivi jew tal-eżerċizzju għal gruppi b'livelli soċjoekonomiċi baxxi Eżistenza ta' qafas: iva/previst fis-sentejn li jmiss/le; u jekk iva, deskrizzjoni	(***)
	9. Gruppi fil-mira indirizzati mill-politika nazzjonali tal-HEPA Skont il-grupp immirat (gruppi bi hteġa partikolari ta' attività fiżika (eż. gruppi ta' livell soċjoekonomiku baxx, persuni b'livelli baxxi ta' PA, anzjani, minoritajiet etniċi eċċ.)	(****)
"Saħħa" (EU PA GL 14-20)	10. Monitoraġġ u sorveljanza ta' attività fiżika u mġiba sedentarja Attività fiżika u mġiba sedentarja inklużi fis-sistema nazzjonali tal-monitoraġġ tas-saħħa: iva/le; jekk iva, aktar dettalji	(***)
	11. Konsulenza dwar attività fiżika mwettqa mill-professionisti tas-saħħa Konsulenza dwar attività fiżika: iva/le; jekk iva: rimborsata b'ħala parti mis-servizzi primarji tal-kura tas-saħħa: iva/le	(***)

⁽¹⁾ L-informazzjoni u d-data li l-Istati Membru huma rakkomandati li jipprovdu fil-kuntest tal-qafas ta' monitoraġġ haġf huma mistennija li jsiru aħjar biż-żmien. Appoġġ għal dak il-qafas hu propost li jiġi mill-attivitajiet ta' kooperazzjoni u l-bini ta' kapaċità previsti f'din ir-Rakkomandazzjoni.

Oqsma tematiċi tal-EU PA GL	Indikaturi proposti u varjabbli/unitajiet	Disponibbiltà tad-data
	12. Taħriġ dwar l-attività fiżika fil-kurrikulu għall-professjonisti tas-saħħa — numru ta' sığhat għall-infermieri, it-tobba — obbligatorju jew fakultattiv — valutazzjoni ċara u strutturi ta' akkreditazzjoni biex jirriflettu l-eżiti ta' taqlim tas-suġġett	(**)
"Edukazzjoni" (EU PA GL 21-24)	13. Edukazzjoni fiżika fl-iskejjel primarji u sekondarji — numru ta' sığhat kull livell ta' skola — obbligatorju jew fakultattiv — regolamentazzjoni nazzjonali jew subnazzjonali	(***)
	14. Skemi marbuta mal-promozzjoni tal-attività fiżika fl-iskejjel Eżistenza ta' skema nazzjonali jew subnazzjonali: iva/le; jekk iva, aktar dettalji	(**)
	15. Taħriġ dwar il-HEPA għall-għallima tal-edukazzjoni fiżika HEPA bħal modul u fit-taħriġ tal-għallima tal-EF fil-livell bachelors u/jew masters degree: iva/le; mandatorju/fakultattiv	(**)
	16. Skemi marbuta mal-promozzjoni ta' trasport attiv lejn l-iskola Skemi nazzjonali jew subnazzjonali (fejn rilevanti) biex jiġi promoss mezz attiv biex tasal l-iskola (eż. bil-mixi aakumpanjati minn adulti (walking buses), bir-rotta): iva/le, jekk iva: deskrizzjoni	(***)
"Ambjent, ippjanar urban, Sikurezza pubblika" (EU PA GL 25-32)	17. Livell ta' ċikliżmu/mixi Il-mezz prinċipali tat-trasport użat fl-attivitàjiet tiegħek ta' kuljum (karozza, mutur, trasport pubbliku, mixi, rota, oħra)	(****)
	18. Linji Gwida Ewropej għat-titjib tal-Infrastrutturi favur l-Attività Fiżika fil-Ħin Liberu Linji Gwida Ewropej għat-titjib tal-Infrastrutturi favur l-Attività Fiżika fil-Ħin Liberu li huma applikati sistematikament fl-ippjanar, il-bini u l-ġestjoni tal-infrastrutturi: Iva/għad mhux previst fis-sentejn li jmiss/le	(**)/(***)
"Ambjent tax-xogħol" (EU PA GL 33-34)	19. Skemi marbuta mal-promozzjoni ta' trasport attiv lejn il-post tax-xogħol Eżistenza ta' skema incensiva nazzjonali jew subnazzjonali (fejn rilevanti) għall-kumpanniji jew l-impjegati għall-promozzjoni ta' trasport attiv lejn il-post tax-xogħol (eż. mixi, rota): iva/le, jekk iva: deskrizzjoni	(***)
	20. Skemi għall-promozzjoni tal-attività fiżika fuq il-post tax-xogħol Eżistenza ta' skema li toffri incensiv nazzjonali jew subnazzjonali (fejn rilevanti) għall-kumpanniji jew l-impjegati għall-promozzjoni ta' trasport attiv lejn il-post tax-xogħol (eż. gyms, showers, treadmills): iva/le	(***)
"Ċittadini anzjani" (EU PA GL 35-37)	21. Skemi għal interventi fil-komunità għall-promozzjoni tal-AF fost l-anzjani Eżistenza ta' skema għall-interventi komunitarji għall-promozzjoni tal-AF fost l-anzjani; Iva/le, jekk iva: deskrizzjoni	(***)
"Indikaturi/evalwazzjoni" (EU PA GL 138)	22. Politiki nazzjonali tal-HEPA li jinkludu pjan għall-evalwazzjoni x minn y tal-linji ta' politika nazzjonali tal-HEPA (sport, saħħa, trasport, ambjent, skont is-settur) jinkludu intenzjoni jew pjan ċari għall-evalwazzjoni	(****)
"Sensibilizzazzjoni pubblika" (EU PA GL 139)	23. Eżistenza ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-attività fiżika Iva/le, jekk iva: deskrizzjoni	(***)

Disponibbiltà tad-data:

(*) data li għad ma ngābritx.

(**) data li għad ma ngābritx iżda hija pplanata fin-NOPA.

(***) data disponibbli (jiġifieri inkluża f'mudelli tal-pajjiż jew permezz sors disponibbli ieħor) iżda li għad mhux validata, jew teħtieġ aġġornament.

(****) data disponibbli u validata fin-NOPA.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 354/02)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	16.10.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajjnuna	SA.35124 (12/N)	
Stat Membru	L-Italja	
Reġjun	Puglia	Artikolu 107(3)(a)
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Interporto Regionale della Puglia	
Il-bażi legali	Decisione della Commissione C(2007) 5726 del 20 novembre 2007, Legge n. 183/1987 e Determinazione dirigenziale regionale n. 146/2009	
It-tip tal-miżura	Għajjnuna ad hoc	Interporto Regionale della Puglia SpA
L-għan	Żvilupp reġjonali, Promozzjoni tal-esportazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni, Żvilupp settorjali	
Il-forma tal-għajjnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: EUR 90 miljun	
L-intensità	60 %	
It-tul ta' żmien	1.1.2013-1.1.2016	
Setturi ekonomiċi	Attivitajiet oħra tat-trasport ta' sostenn	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	Regione Puglia Serv. Attuazione del Po-Viale Caduti di Tutte le Guerre 15 70126 Bari BA ITALIA Regione Puglia AdG Po FESR 2007/2013-Viale Caduti di Tutte le Guerre 15 70126 Bari BA ITALIA	

Aktar informazzjoni	—
---------------------	---

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 354/03)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	30.9.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajjnuna	SA.35949 (12/N)	
Stat Membru	Il-Polonja	
Reġjun	Łódzkie	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Łódzka Regionalna Sieć Teleinformatyczna – 2 Etap	
Il-bażi legali	1) Ustawa z dnia 6 grudnia 2006 r. o zasadach prowadzenia polityki rozwoju (Dz.U. nr 84, poz. 712 ze zm.) 2) Ustawa z dnia 7 maja 2010 r. o wspieraniu rozwoju usług i sieci telekomunikacyjnych (Dz.U. nr 106, poz. 675) 3) Ustawa z dnia 30 kwietnia 2004 r. o postępowaniu w sprawach dotyczących pomocy publicznej (Dz.U. nr 59, poz. 404 ze zm.) 4) Regionalny Program Operacyjny Województwa Łódzkiego na lata 2007–2013, zatwierdzony przez Komisję Europejską decyzją z dnia 2 października 2007 r. w sprawie przyjęcia w ramach pomocy wspólnotowej programu operacyjnego Europejskiego Funduszu Rozwoju Regionalnego	
It-tip tal-miżura	għajjnuna individwali	—
L-għan	Żvilupp settorjali, Żvilupp reġjonali	
Il-forma tal-għajjnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: PLN 25,85 miljun	
L-intensità	—	
It-tul ta' żmien	Mill-1.10.2013	
Setturi ekonomiċi	Attivitajiet ta' telekomunikazzjoni bil-fili, Attivitajiet ta' telekomunikazzjoni mingħajr fili	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	Województwo Łódzkie Al. Piłsudskiego 8 90-051 Łódź POLSKA/POLAND	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 354/04)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	14.11.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajjnuna	SA.37017 (13/N)	
Stat Membru	Il-Belġju	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Besluit van de Vlaamse Regering tot toekenning van steun aan ondernemingen ter compensatie van indirecte emissiekosten	
Il-bażi legali	Ontwerpbesluit van de Vlaamse Regering tot toekenning van steun aan ondernemingen ter compensatie van indirecte emissiekosten	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Protezzjoni tal-Ambjent	
Il-forma tal-għajjnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: EUR 304 miljun Baġit annwali: EUR 38 miljun	
L-intensità	85 %	
It-tul ta' żmien	1.1.2014-31.12.2021	
Setturi ekonomiċi	Manifattura ta' ħadid u azzar bażiċi u ta' liġi tal-ħadid	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	Agentschap Ondernemen Koning Albert II laan 35, bus 12 1030 Brussel BELGIË	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Każ COMP/M.7051 – Goldman Sachs/Hastings Insurance Group)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2013/C 354/05)

Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f-forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32013M7051. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Każ COMP/M.7076 – Apax Partners/Rhiag)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2013/C 354/06)

Fid-27 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
 - f-forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32013M7076. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.
-

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament ⁽¹⁾:

0,25 % fl-1 ta' Diċembru 2013

Rata tal-kambju tal-euro ⁽²⁾

It-3 ta' Diċembru 2013

(2013/C 354/07)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3578	AUD	Dollaru Awstraljan	1,4873
JPY	Yen Ġappuniż	139,31	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4465
DKK	Krona Daniża	7,4594	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,5262
GBP	Lira Sterlina	0,82710	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6457
SEK	Krona Żvediża	8,8677	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7023
CHF	Frank Żvizzeru	1,2287	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 440,34
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,0306
NOK	Krona Norveġiża	8,2900	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2717
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,6358
CZK	Krona Ċeka	27,468	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 945,05
HUF	Forint Ungeriż	302,90	MYR	Ringgit Malażjan	4,3667
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	59,403
LVL	Lats Latvjan	0,7028	RUB	Rouble Russu	45,1500
PLN	Zloty Pollakk	4,2032	THB	Baht Tajlandiż	43,695
RON	Leu Rumun	4,4617	BRL	Real Brażiljan	3,1951
TRY	Lira Turka	2,7675	MXN	Peso Messikan	17,9796
			INR	Rupi Indjan	84,6690

⁽¹⁾ Rata applikata għall-operazzjoni l-iktar reċenti mwettqa qabel il-jum indikat. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, ir-rata tal-interessi hija r-rata marġinali.⁽²⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bi skeda

(2013/C 354/08)

Stat Membru	Spanja
Rotta inkwistjoni	Gran Canaria–Tenerife Nofsinhar Gran Canaria–El Hierro Tenerife Tramuntana–La Gomera Gran Canaria–La Gomera
Il-ftuħ mill-ġdid tar-rotot OSP għal trasportaturi tal-ajru komunitarji	l-1 ta' Awwissu 2014
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test u kwalunkwe tagħrif jew dokumentazzjoni oħra b'rabta mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Ministerio de Fomento Dirección General de Aviación Civil Subdirección General de Transporte Aéreo Paseo de la Castellana, 67 28071 Madrid ESPAÑA Tel. +34 915978454 Faks +34 915978643 Posta elettronika: osp.dgac@fomento.es

Ir-rotot soġġetti għall-obbligi tas-servizz pubbliku jistgħu jiġu operati abbażi ta' aċċess ħieles għall-kompetizzjoni sa mill-1 ta' Awwissu 2014. Jekk f'perjodu ta' 15-il jum tal-kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-ebda trasportatur tal-ajru ma jissottometti programm ta' servizzi konformi mal-obbligi imposti tas-servizz pubbliku, l-aċċess se jiġi ristrett għal trasportatur wieħed tal-ajru permezz tal-proċedura tal-offerti pubbliċi korrispondenti, f'konformità mal-Artikolu 16(9) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ⁽¹⁾

(Avviż relatat mal-applikazzjonijiet għal permessi esklussivi għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de la Seille" u "Permis de l'Albe")

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 354/09)

Bl-applikazzjonijiet bid-data tad-29 ta' April 2013, l-impriża Elixir Petroleum (Moselle) Ltd, li r-rappreżentant tagħha fi Franza huwa s-Sinjur Philippe LABAT — Société Thermopyles SAS li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-indirizz 50, rue du Midi, 94300 Vincennes (Franza), talbet, għal perjodu ta' ħames snin, żewġ permessi esklussivi għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi u fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de la Seille" u "Permis de l'Albe", li jagħmlu parti mid-Dipartimenti ta' Meurthe-et Moselle u tal-Moselle.

Il-perimetru ta' dawn il-permessi huwa kkostitwit mill-arki tal-meridjani u l-paralleli li jgħaqqdu suċċessivament il-punti definiti hawn taħt mill-koordinati ġeografiċi tagħhom fi gradi, bil-meridjan oriġinali li huwa dak ta' Pariġi.

Permis de la Seille		
Il-quċċata	Lonġitudni Lvant	Latitudni Tramuntana
A	4,10 gr L	54,50 gr T
B	4,60 gr L	54,50 gr T
C	4,60 gr L	54,40 gr T
D	4,40 gr L	54,40 gr T
E	4,40 gr L	54,20 gr T
F	4,10 gr L	54,20 gr T

Permis de l'Albe		
Il-quċċata	Lonġitudni Lvant	Latitudni Tramuntana
A	4,80 gr L	54,50 gr T
B	4,90 gr L	54,50 gr T
C	4,90 gr L	54,40 gr T
D	5,00 gr L	54,40 gr T
E	5,00 gr L	54,30 gr T
F	4,80 gr L	54,30 gr T

Skont din id-definizzjoni, is-superfiċje ta' Permis de la Seille hija ta' madwar 726 km² u dik ta' Permis de l'Albe ta' madwar 198 km².

It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tad-drittijiet

Dawk li jressqu l-applikazzjonijiet inizjali u l-applikazzjonijiet konkorrenti għandhom jagħtu prova li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tal-permess, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 5 tad-Digriet Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

⁽¹⁾ ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni konkorrenti fi żmien 90 jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont il-proċeduri miġbura fil-qosor fl-“Avviż dwar il-ksib ta' drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza”, ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti mid-Digriet Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet konkorrenti jistgħu jintbagħtu lill-Ministeru tal-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija fl-indirizz imsemmi hawn taħt. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet konkorrenti jittieħdu fi żmien sentejn minn mindu jaslu l-applikazzjonijiet inizjali għand l-awtoritajiet Franċiżi, jiġifieri mhux aktar tard mit-18 ta' Mejju 2015.

Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-eżerċizzju tal-attività u għall-waqfien tagħha

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-Kodiċi Minerarju kif ukoll għad-Digriet Nru 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar ix-xogħlijiet minerarji, ix-xogħlijiet tal-ħżin taħt l-art, u l-kontroll tal-minjieri u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Ministeru tal-Ekoloġija, tal-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Enerġija:

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u l-Klima-, id-Direttorat tal-Enerġija, bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche, Paroi Nord, 92055 La Défense Cedex, France – Telefown +33 140819527.

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq jinsabu fuq is-sit Légifrance: <http://www.legifrance.gouv.fr>

Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2013/C 354/10)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	18.11.2013
Tul ta' żmien	18.11.2013-31.12.2013
Stat Membru	Franza
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	PLE/7FG.
Speċi	Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)
Żona	VII f u VIIg
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
In-numru ta' referenza	68/TQ39

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

